

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10651/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0284 (COD)

CODEC 1207
ENV 754
ENT 156
MI 653

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2019/1020 u (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tat-test leġiżlattiv

1. Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2023².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fit-18 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni³. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 11888/23 + ADD 1 sa 8 + ADD 8 REV 1.

² ĠU C, C/2024/1593, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1593/oj>.

³ 10566/26.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 13/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Awstrija jivvotaw kontra u s-Slovakkja tastjeni.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
